Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Attard.
Data: 31 ta’ Lulju 2017

Ombudsman,

Lura f’ittra datata 20 ta’ Marzu ’17 kont ressaqt 3 ilmenti ta’ ingustizzji / ksur tad-drittijiet tal-bniedem li minnhom kienu nfethu 3 kazi:

- Kaz R0077 – Ilment kontra l-Ministru tal-Gustizzja, Owen Bonnici
- Kaz R0076 – Ilment kontra l-Pulizija
- Kaz HR022 – Ilment kontra l-Psikjatra David Cassar

S’issa minn 3 diga qtajtuli barra l-ahhar tnejn, dak ta’ R0076, wara 10 t’ijiem, li l-Ufficju tieghek hu prekluz milli jinvestiga lill-Pulizija, u dak ta’ HR022, wara aktar minn 3 xhur nistenna ghalxejn, b’risposta simili li ma jistghax jinvestiga ebda azzjoni fil-kura medika. Nistaqsi fuq l-unika kaz li fadal, R0077 hux se thalluni wkoll nistenna ghalxejn biex tigu b’xi risposta simili. F’ittra li ktibtli xahar ilu, datata 30 ta’ Gunju ’17, (rigward HR022) semmejt li kontu ktibtu lill-Ministru u nistaqsi kemm se ddumu tistennew li xi darba tasal ir-risposta tieghu, daqqa bi skuza ta’ l-elezzjoni, issa l-elezzjoni ghaddiet u l-Parlament anki beda bil-vaganzi, altru li kellu cans jibghata kieku ried f’dawn il-kwazi 4 xhur li nassumi li ilkom li ktibtulu.

Intenzjonalment u vendikattivament il-Ministru injora l-parir tal-Mental Health Review Committee (MHRC) bi skuza li jrid il-parir tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija biex ihallini maqful l-isptar Monte Carmeli ghalxejn. La l-kaz tieghi kien gie deciz mill-Qorti disputabilment bhala kaz ta’ sahha, altru ma kellux bzonn idahhal dawn it-tnejn fin-nofs u l-fatt li ghaddew ix-xhur u s-snin u baqa’ ma wasal ebda parir minghandhom tohrog aktar fid-deher kemm ghamilha apposta. Wiehed jassumi li baghat ghall-parir taghhom ukoll bit-tama li jkun fin-negattiv, aktar u aktar meta hareg fil-pubbliku dubji serji dwar l-imparzjalita taghhom, u anki kieku l-parir ikun pozittiv, x’garanzija hemm li jattwah u ma jhallihx fuq l-ixkaffa jibqa’ jipposponi ndefinittivament biex itawwalli l-process kemm jiflah kif ilhu jaghmel intenzjonalment u apposta s’issa. Anki l-fatt li njora l-ufficju tieghek ghal dan iz-zmien kollu jkompli juri kemm jaf li qed jaghmel il-haga abbuzivament u ma jridx jinqabad fuq sieq wahda.

Kif ga ghidt l-abbuz tieghu jidher fic-car aktar kieku ghall-anqas kelkom ir-rieda tezaminaw id-dati tal-korrispondenza fil-file tieghi fi hdan il-ministeru ghax nassumi li fethu file fuq il-kaz tieghi biex jigbru fih il-korrispondenza kollha. Nerga nghid li qed jaghmel dan vendikattivament fost l-ohrajn ghax kienu

assocjawni mal-blogger Daphne Caruana Galizia (jekk tfittex ismi fl-internet jitla' artiklu taghha fuqi) li lejn Novembru '14 kienet kixfitlu r-relazzjoni extra-matrimonjali tieghu. Fl-14/3/15 il-Malta Independent fettlilhom jiktbu artiklu fuqi li fih taw hjiel ta' l-involviment tal-Ministru biex nohrog. X'aktarx dan l-artiklu rah certu Fredrick Azzopardi, Chairman ta' l-Enemalta fejn kont nahdem, li kien tani transfer gimghatejn qabel l-arrest (fl-4/3/14, ghax hrigt email barra l-korporazzjoni li ndirettament spiccat fuq il-blog ta' din il-blogger) li meta sar jaf bil-procedura, x'aktarx ordna lill-Ministru biex itawwalli l-kaz kemm jiflah (dan Fredrick mhux semplici Chairman, imma sa l-elezzjoni tal-2013 kien ufficjal gholi fi hdan il-Partit Laburista u ghandu fama li jaghti ordnijiet lill-Ministri tant kemm ghandu sahha). Fil-fatt il-Ministru ftit wara lejn l-ahhar ta' Marzu '15 kien ircieva t-talba tal-Psikjatra biex jirreferini lit-Tribunal (MHRC) izda flok ressaqni quddiem it-Tribunal kien ghazel li jibda bil-vendikazzjonijiet billi minflok baghat ghall-parir tal-AG u tal-Kummissarju tal-Pulizija biex itawwalli l-process kemm jiflah. Lejn Jannar '16 qrabati kienu kellmu lill-Ministru biex jaghrfuh li l-kaz ma kienx wiehed kriminali u ma kienx mehtieg il-parir ta' dawn it-tnejn (kien diga jaf b'dan fosthom ghax kont gharraftu b'dan il-fatt f'2 ittri aktar minn sena qabel) biex fl-ahhar irreferini lit-Tribunal lejn Mejju '16. Il-Ministru x'aktarx hass li kellu jinforma lil siehbu w il-komplici mieghu Fredrick Azzopardi li min-naha tieghu biex jerga' jincensa l-Ministru kontrija hareg news item ta' sentenza kollox li giet iccirkulata fuq facebook mill-MaltaToday f'Mejju '16 tassocjani ma din il-blogger, u fil-fatt wara li dehert quddiem it-Tribunal u dan ta l-parir lill-Ministru biex nohrog, dan baqa' jittrattjeni u jgib diversi skuzi, sakemm f'Awissu '16 ktibt ittra lill-Prim Ministru nilmenta mill-abbuz tieghu, u b'vendikazzjoni l-Ministru rega talab ghall-parir tal-AG u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tieni darba biex ikompli jtawwalli kemm jiflah il-process, fejn s'issa ghadni maqful wara dawn is-snin kollha minhabba dan l-abbuz tieghu. Jekk mhux abbuz mill-pozizzjoni tieghu, abbuz sfaccat tad-drittijiet umani tieghi u abbuz aktar fid-deher minn hekk ma nafx x'jista' jkun aktar, u Alla jbierek qisu mhu qed jigri xejn tibghatulu sempliciment issaqsuh 'l ghaliex ma mexiex mal-parir tat-Tribunal u jibqa' jinjorakom u z-zmien ghaddej u qisu mhu qed jigri xejn thallu kollox ghaddej.

Ghaldaqstant issa li ghandkom stampa aktar cara ta' l-abbuz ta' dan il-Ministru Owen Bonnici bl-intricci minn taht b'kollox, nixtieq turu impenn akbar biex tiehdu passi kontrih (kif ghidt jista' johrog hafna frott jekk sempliciment tezaminaw il-file tieghi fi hdan il-Ministeru) u ma thallux aktar hin prezzjuz jinhela fejn ma kull gurnata li tghaddi jien qed nigi mcahhad mill-liberta abbuzivament u b'kapricc ta' dan il-Ministru.

____________________

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])